**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 294/2023/1**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**John Borg**

**Illum, 11 ta Jannar , 2023**

Il-Qorti,

Rat li l-appellant **John Borg** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0430258M**, ġie imressaq il-Qorti akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

**Nhar it-13 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta ta' 10:00hrs ġewwa residenza Santa Maria, 21, Flt 3, Triq is-Soll, Santa Venera.**

1. Inġurja jew heddet lil martu Carmela Borg jew għamel theddid mhux imsemijjin band'oħra fil-Kodiċi 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u dan għas-sigurta' ta' Carmela Borg.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-24 ta' Lulju ,2023, fejn sabet lil John Borg hati tal-unika mputazzjoni miġjuba kontra tiegħu fejn konsegwentement sabiex tinżamm il-paċi bejn il-partijiet kif ukoll l-ordni pubblika, rabtet u obbligat lil ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu illi ma jimmolestax, ma jiffastidjax u ma jdejjaqx lil Carmela Borg għal żmien tnax il-xahar (12) u dan taħt penali ta' elf Euro (€1000) fl-eventwalita' li hu ma josservax dawn l-ordnijiet fiż-żminijiet stipulati minn din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Borg, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Awwissu ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Lulju 2023 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi fis-sens illi ssib lill-esponenti John Borg mhux hati tal-unika imputazzjoni migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah mill-unika imputazzjoni u kull piena.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

<u>Apprezzament Żbaljat tal-Provi Prodotti</u>

Illi umilment jigi sottomess illi l-Ewwel Onorabbl Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha in kwantu skartat ghal kollox it-tezi tad-difiza meta l-fatti juru b'mod car illi l-esponenti m'huwiex ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi huwa evidenti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti kwantu ghall-incident martu tal-kawza. Jidher pero' illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-verzjoni moghtija mill-parte civile

biss u cioe ta' Carmen Borg, u dana peress illi l-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova ohra. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx id-deposizzjoni taghha fid-dawl tax-xhieda tal-esponenti li, minkejja li m'huwiex obbligat li jixed, ddecieda u fil-fatt ta spjegazzjoni tal-verzjoni tal-fatti.

Illi matul id-deposizzjoni tieghu l-esponenti spjega illi ma kienx minnu dak li qalet il-*parte civile* waqt ix-xhieda taghha u cioe' li huwa kien irrabjat dakinhar tal-incident minhabba li t-tfal taghhom ma wassluhx ghal tieg illi huwa kellu l-jum ta' qabel. Huwa kompla jispjega illi ftit granet qabel dan l-incident, hu u martu Carmen Borg kellhom argument rigward l-ikel tad-dar ghax l-imsemmija Carmen kienet qed tghaddi dan l-ikel lill-ohtha. L-esponenti kien saqsiha fil-fatt rigward dan l-ikel u l-*parte civile* kienet ikkonfermat dan u sahansitra qaltlu sabiex ma jindahalx u li hekk riedet.

Illi l-esponenti kompla jispjega illi dakinhar tal-inċident, huwa kellu bżonn joħroġ fil-gallarija tar-residenza tagħhom u għalhekk daħal fil-kamra tas-sodda li qed tagħmel użu minnha Carmen Borg stante illi din il-kamra tipprovdi l-uniku aċċess għall-imsemmija gallarija. Jgħid ukoll illi sab pultruna u *iron board* fin-nofs tal-kamra u x'ħin ġie biex iċaqlaq l-imsemmija pultruna, din waqgħet. Hekk kif ġabarha, l-*parte civile* Carmen Borg qabdet tgħajjru. L-appellant kompla jisħaq illi jekk intqal xi kliem minnu fil-konfront ta' Carmen Borg, dan intqal minħabba li l-istess Carmen bdiet tgħajjru l-ewwel.

Illi għalhekk, hija l-umli sottomissjoni tal-esponenti illi huwa m'huwiex ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih stante illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib provi konklussivi dwar il-ħtija tiegħu u li għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant.

Illi oltre dan u mingħajr pregudizzju ghal dak ġja sottomess, ma sarx apprezzament tal-fatt illi kienet il-*parte civile* illi bdiet l-argument bil-kliem inġurjuż tagħha illi huwa evidenti illi kien intiz biex jipprovoka lill-imputat.

Rat l-atti tal-kawża semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2023.

Rat ir-risposta tal Avukat Ġenerali preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Novembru 2023.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-aggravju prinċipali tal-appellant hu dirett lejn apprezzament żbaljat tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi imresqa. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**[1] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) intqal: -

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti,

*'kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u sa fejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

---

setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża. il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[2]

L-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn

[2] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-**artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[3] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne,**[4] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament jwassal għall-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f' hiex ser temmnu jew ma temmnux'.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Din il-Qorti ghalhekk trid tesamina l-provi prodotti sabiex tara jekk l-ġudizzju milqugħ mill-ewwel Qorti kienx wieħed *safe and satisfactory.*

Rat l-affidavit ta' **WPS 223 Charlene Calleja** preżentatat fl-atti u mmarkat bħala Dok SP1 a fol. 10. Din spejgat li nhar it-13 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta tal-11.12 waqt li

[3] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[4] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

kienet qiegħda xogħol ġewwa is-sezzjoni tal-GBDV Carmela Borg irraportat fejn stqarret li ridet tagħmel rapport kontra ir-raġel tagħha ċertu John Borg għar-raguni li dakinhar filgħodu stess waqt li kienu ġewwa r-residenza tagħhom Santa Maria Flats, Flat 3, Triq is- Soll Santa Venera għajjarha u heddida bil-kliem.

Carmela Borg spjegat li hi u r-raġel, ilhom miżżewġin għal dawn l-aħħar seba u tlettin sena (37) iżda ilhom ma jitkellmu għal dawn l-aħħar disa' snin iżda għadhom jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf flimkien maż-żewġt itfal tagħhom li għandhom.

Borġ stqarret li nhar it-13 ta' Dicembru, 2020 għall-ħabta tal-10.00 waqt li kienet qegħda fl-imsemmija residenza u kienet qegħda tgħaddi xi ħwejjeġ l-appellant ma ħdejha u beda jgħajjarha '*maħmuġa*' kif ukoll qabad fliskatur u wadbu mal-art u wara waddab ukoll siġġu li kien hemm fil-kamra fejn qalilha il-kliem '*inbellalek sninek*' fejn meta ratu beda jgħidilha dak il-kliem iddeċidiet li toħroġ mir-residenza u marret mill-ewwel tagħmel rapport l-għassa tal-Ħamrun. Mistoqsija għaliex taħseb li l-appellant kellu din ir-reazzjoni hija stqarret li l-ġimgħa l-oħra kellhom argument ieħor u għal hekk it-tfal tagħhom ma rieduwiex tibqa' torqod miegħu fl-istess kamra fejn niżlulha is-sodda minn fuq il-bejt u għal hekk qedgħa taħseb li kien irrabjat ħafna kif ukoll jista jkun li l-ġurnata ta' qabel John kellu tieġ u t-tfal ma wasluhx it-tieġ. Sarilha risk assessment u rriżulta medium b'9 punti.

Nhar l-14 ta' Diċembru 2020 l-appellant rraporta ġewwa GBDV kif kien mitlub fejn wara li ġie nfurmat rigward l-imsemmi rapport huwa ngħata d-dritt li ma iwieġeb għall-ebda mistoqsija li kien ser jiġi mistoqsi kif ukoll id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu fejn huwa irrinunzja għall-imsemmi dritt u ffirma id-dikajrazzjoni solita.

Mistoqsi għaliex kien irrabjat jgħid li kienu qed idejquh numru ta' affarijiet li kienet qed tagħmel Carmela żvolja iż-żwieġ tagħhom kien ilu li waqaf xi disa' snin u kien qed jiddejjaq li ħwejjġu qed tgħamilhom ma tagħha kif ukoll għaliex it-tfal ma baqgħux ikelmuh bħal qabel. Qal li ma kintix l-ewwel darba li Carmela għajritu indannat u nhar it-13 ta' Diċembru 2020 kien irrabbjat ħabba din ir-raġuni tal-ħwejjeġ u stqar li jista jkun li għajjarha maħmuġa li qallha l-kliem '*Inbellalek sninek*' iżda mhux

ċert x'qallha eżatt. John stqarr ukoll li vera waddab fristkatur u siġġu mal-art għax iddejjaq f'dik is-sitwazzjoni.

Rat ix-xhieda mogħtija minn Carmela Borg nhar id-29 ta' Novembru 2022 u spjegat li nhar is-7 ta' Marzu 2022 kienet għamlet rapport fil-konfront ta' żewġha John Borg għaliex beda jgħajjat u jitkellem ħażin minħabba xi kwisjtoni ta' ħwejjeġ u dan meta kienu t-tnejn ġewwa id-dar matrimonjali tagħha Santa Venera. Wara għaddiet biex titkellem fuq ir-rapport tagħha datat 10 ta' Ottubru 2020. Wara spejgat ir-rapport li hija għamlet nhar it-13 ta' Diċembru 2020 mertu tal-kawża odjerna. Qalet li dakinhar żewġha kien irrabjat u tefgħalha friskatur mal-art flimkien ma' siġġu tal-kompjuter. Tgħid li lejliet kellu tieġ u t-tfal ma wasluhx. Tgħid li ma kellha x'taqsam xejn ma din id-deċisjoni. Wara uliedha għamlulha s-sodda fil-kamra tagħhom biex torqod magħhom għax ma riedux hiex tibqa' torqod ma' missierhom. Tgħid li qalla li jkisrilha snienha. Mistoqsija jekk qallhiex xi ħaġa oħra tgħid li jista jkun daqs kemm jghidilha. Mistoqsija x'għamlet qabel tgħid li xejn. Kienet fil-kċina. Tgħid li fl-ebda ħin ma ipprovokatu jew kellmitu. Qalet li hekk jgħamel jaqbad u jmur għall-għarrieda.

L-appellant **John Borg** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar l-10 ta' Jannar, 2023 u kkoferma li l-*parte civile* hija martu u jgħixu it-tnejn flimkien fil-fond numru 13 Flat 3, Triq is-Soll, Santa Venera fi kmamar separati. Jgħid li uliedu telqu u ma kienux għadhom jgħixu magħhom. Qal li l-flat tagħhom hu antik u trid tgħadddi minn kamra għall-oħra. Qal li bibien lilha qatt ma għalqilha u għalhekk tgħaddi minn fejn trid. Tkellem ħafna fuq l-inċident li kien sar fl-10 ta' Ottubru 2020. Wara għadda biex jitkellem dwar l-inċident li seħħ nhar it-13 ta' Diċembru 2020 meta skond il-kwerelanti kien irrabjat ħafna għaliex bintu ma kintix stidnitu għat-tieġ. Qal li pero dan ma kienx minnu. Jgħid li ġurnata jew jumejn qabel kellhom xi jgħidu u dan għaliex l-ikel li jkollhom id-dar tatieħ lill-oħtha u qabadha. Jgħid li martu ħasbitu iblah. Kienet qed taħsel il-platti u poġġiet il-platt fuq l-iskutella u meta mar filgħaxija l-ikel ma kienx hemm. Staqsiha jekk kintix tat l-ikel lill-oħtha u weġbitu biex ma jindaħalx. Mistoqsi mill-Qorti jekk qalx xi kliem waqt dan l-argument lis-sinjura parte civile b'xi mod li insulentha. Iwieġeb li mhux bil-fors la lilu tgħajjru indannat u maħmuġ. Qalet li

tipprovokah billi tieħu l-affarijiet minn ġod-dar bħal inkwatri u purtiera. Fir-rigward dan l-inċident waqaf hemm.

Illi għalhekk l-appellant minkejja li għazel li jixhed fl-ebda ħin ma kkontesta dak li qalet l-parte civile dwaru u ċioe li heddidha li kien ser ikisrilha snienha li wadbilha friskatur u siġġu. Jgħid biss li tipprovokah pero fl-ebda ħin ma jgħid li mar jgħamel xi rapport dwarha jew dwar l-allegat provokazzjoni. In kontro esami tagħha l-avukat difensur tal-appellata lanqas ma għamel domandi lill-appellata waqt li kienet fuq il-pedana tax-xhieda f'dan ir-rigward.

Illi għalhekk fid-dawl ta' dan il-kwadru din il-Qorti bħal l-ewwel Qorti hija iktar propensa li temmen lill-kwerelanti fix-xhieda tagħha u b'hekk qed tikkonferma l-mertu ta' l-ewwel sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Dwar il-piena imposta din taqa' fil-parametri tal-liġi u stante li ma hemm l-ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi minn meta ingħatat din l-ewwel sentenza din il-Qorti qed tikkonferma ukoll l-obbligazzjoni li ingħatat lill-appellant fil-konfront tal-appellata. It-terminu ta' sena li ingħata skond l-artikolu 383 (1) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jibda jiddekorri mil-llum.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Imhallef